**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2016

Rikors Guramentat numru : 135/2016 AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta:

Illi l-partijiet kienu zzewwgu fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elf disa` mija tlieta u disghin (1993) skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A';

Illi l-partijiet ilhom legalment separati, u dan a tenur ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Tonio Cauchi datat it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala 'Dok. B';

Illi minn tali zwieg kellhom zewgt itfal, u li dejjem hallas manteniment;

Illi fic-cirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rkonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar disa` snin, u kull parti qed issegwi hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fit-terminu moghti minn din l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2016;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-intimata ipprezentat nota li permezz taghha talbet li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Chircop; il-Qorti tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni mehtiega f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Novembru 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.